# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Decembru, 2015**

**Rikors Numru 1096/2015 SM**

**Avukat Dottor Edward Debono (K.I. 592758 M)**
**kif debitament awtorizzat bhala mandatarju**
**specjali ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` *BNP Paribas (Suisse) SA***
**ta' Boulevard de la Tour 8,**
**1205 Geneve, Svizzera**

**vs.**

**Jean Pierre *sive* Jean Borg**
**(K.I. 473467 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-19 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti *nomine* hu debitament awtorizzat jipprocedi il-kawza odjerna, (ara foll 1);

1.2. Illi l-procedura odjerna hi intiza ghall-esekuzzjoni ta' sentenza rilaxxata minn gurisdizzjoni estera *ai termini* ta' l-artiklu 825A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 datati t-22 ta' Dicembru, 2000, u taht l-artikli 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano;

1.3. Illi s-sentenza li hawn qed tigi mitluba l-esekuzzjoni taghha hi dik datata z-17 ta' Lulju, 2015, rilaxxata mill-qorti tal-Canton ta' Ginevra, Repubblika Helvetika, (ara foll 10 *et sequitur*);

1.4. Illi l-imsemmija sentenza Helvetika indikata fil-paragrafu precedenti hi wahda definittiva u ghalhekk mhix appellata, (ara foll 8);

1.5. Illi permezz ta' l-istess l-intimat Borg gie ikkundannat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt miljun, tlett mija u disgha u sittin Franc Svizzeru, u hamsin centezmu, (CHF 6,382,769.50), flimkien ma' imghax bit-12% *per annum* mit-8 ta' Frar, 2012, u flimkien ma' l-ispejjez processwali involuti ammontanti ghal hamsin elf Franc Svizzeru, (CHF 50,000.00), li minnhom l-intimat hallas biss tlett mija u hamsin Franc Svizzeru, (CHF 350.00), u ghad baqalu jhallas il-kumplament, oltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal erbghin elf Franc Svizzeru, (CHF 40,000.00);

1.6. Illi *ai termini* tal-artiklu 54 u 58 tal-konvenzjoni ta' Lugano s-suespost jaqa` fl-ambitu tar-Regolamenti fuq gia` riferiti ghall-finijiet tar-rikonoxximent u ezekuzzjoni;

1.7. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti *nomine* aderixxa din il-qorti biex din, in vista tal-premess:

1.7.1. Tordna l-ezekuzzjoni f'Malta ta' l-Ordni ghall-Hlas tal-Kapital, Interessi u Spejjez tal-Qorti Lokali ta' Ginevra, tar-Repubblika Helvetika datata z-17 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet *BNP Paribas (Suisse) SA*

vs. *Jean Pierre Borg*, bin-numru ta' referenza JTP 1/8455/2015;

1.7.2. Tawtorizza lir-rikorrenti *nomine* jezegwixxi l-istess f'Malta kontra l-intimat Borg;

1.7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

3. Illi din il-procedura specjali taht ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 kif sussegwentement emendat u taht il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar gurisdizzjoni, rikonoxximent u esekuzzjoni ta' sentenzi ta' natura civili u kummercjali;

4. Illi r-rikorrenti *nomine* issodisfa r-rekwiziti kollha rikjesti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

5.0. lli ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-istess rikorrenti *nomine* pprova il-kaz tieghu skont l-istess, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

5.2. Tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti Helvetika fuq indikata;

5.3. Tawtorizza lir-rikorrenti biex jezegwixxi f'Malta l-istess sentenza fil-konfront tal-intimat Jean Pierre *sive* Jean Borg;

5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur kontra l-istess intimat.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**